Nru./No. 20,720
Prezz/Price
€3.42

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 15 ta' Ottubru, 2021
Friday, 15th October, 2021

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

SOMMARJU – SUMMARY

Notifikazzjonijiet tal-Gvern ..... 10,593 - 10,598
Government Notices ..... *10,593 - 10,598*

Avviżi tal-Pulizija 10,599
Police Notices 10,599

Avviżi lill-Baħħara 10,599
Notices to Mariners *10,599*

Opportunitajiet ta' Impjieg ..... 10,600 - 10,647
Employment Opportunities ..... *10,600 - 10,647*

Avviżi tal-Gvern ..... 10,647 - 10,650
Notices ..... *10,647 - 10,650*

Offerti ..... 10,650 - 10,658
Tenders ..... *10,650 - 10,658*

Avviżi tal-Qorti ..... 10,658 - 10,664
Court Notices ..... *10,658 - 10,664*

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1356

ATT DWAR L-IPPJANAR TAL-IŻVILUPP (KAP. 552)

Bord tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar

BIS-SAĦĦA Artikolu 63 (1) tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp, il-Ministru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar approva l-ħatra tas-Sa Kerstin Ancilleri sabiex isservi fuq il-Bord tal-Ippjanar tal-Awtorità tal-Ippjanar minflok is-Sur Sean Mangion.

Din il-ħatra hija effettiva mit-13 ta' Ottubru, 2021, għal perjodu ta' tliet (3) snin.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

Nru. 1357

BORD TAL-ENEMALTA

Bord tad-Diretturi

NGĦARRFU b'din illi l-Ministru għall-Enerġija, l-Intrapriża u Żvilupp Sostenibbli ħatret lill-Bord tad-Diretturi tal-Enemalta kif jidher hawn taħt għal perjodu ta' sena sal-5 ta' Ottubru, 2022.

Chairperson
Is-Sur Jonathan Scerri

Deputat Chairperson
Is-Sur Baojie Sheng

Diretturi
Is-Sa Yongxin Gao
Is-Sur Shi Jun
Is-Sa Maria Mifsud
Is-Sur Brian Tabone
Is-Sur Trustin Farrugia Cann
Is-Sur Kenneth Swain
Is-Sa Paula Grech Bonnici

Segretarju
Dr Andrew Saliba

Il-15 ta' Ottubru, 2021

Nru. 1358

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-GOVERNANZA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza

GOVERNMENT NOTICES

No. 1356

DEVELOPMENT PLANNING ACT (CAP. 552)

Planning Board of the Planning Authority

IN terms of Article 63 (1) of the Development Planning Act, the Minister for the Environment, Climate Change and Planning approved the appointment of Ms Kerstin Ancilleri to serve on the Planning Board of the Planning Authority in lieu of Mr Sean Mangion.

This appointment is effective from the 13th October, 2021, for a period of three (3) years.

15th October, 2021

No. 1357

ENEMALTA BOARD

Board of Directors

IT is notified that the Minister for Energy, Enterprise and Sustainable Development has appointed the Enemalta Board of Directors as shown below for a period of one year until 5th October, 2022.

Chairperson
Mr Jonathan Scerri

Deputy Chairperson
Mr Baojie Sheng

Directors
Ms Yongxin Gao
Mr Shi Jun
Ms Maria Mifsud
Mr Brian Tabone
Mr Trustin Farrugia Cann
Mr Kenneth Swain
Ms Paula Grech Bonnici

Secretary
Dr Andrew Saliba

15th October, 2021

No. 1358

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND GOVERNANCE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Governance

għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 21 ta' Jannar, 2021, mogħtija mill-Qorti ta' Ludhana ġewwa l-Indja, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni bejn pajjiż u ieħor tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113, 130 u 130A tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Edward Zammit Lewis
Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza

Il-15 ta' Ottubru, 2021

Nru. 1359

ORDNI MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-GOVERNANZA

BIS-SAĦĦA tal-poteri mogħtija bl-Artikolu 113 tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16), il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza għamel din l-Ordni li permezz tagħha l-Ordni ta' Adozzjoni datata 18 ta' Awwissu, 1959, mogħtija mill-Cardiff County Court, l-Ingilterra, qiegħda tkun speċifikata bħala adozzjoni tal-persuna hemmhekk imsemmija u dan ai termini tal-Artikoli 113 u 130 tal-Kodiċi Ċivili.

(Iff.) Av. Edward Zammit Lewis
Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza

Il-15 ta' Ottubru, 2021

Nru. 1360

WARRANT MILL-MINISTRU GĦALL-ĠUSTIZZJA U L-GOVERNANZA

NGĦARRFU lli bis-saħħa tas-setgħat mogħtija bl-Artikolu (3) tal-Ordinanza dwar il-Kummissjunajri b'Setgħa li Jagħtu Ġurament (Kap. 79), il-Ministru għall-Ġustizzja u l-Governanza ħatar bħala Kummissjunarji b'Setgħa li Jagħtu Ġurament, fil-qadi tad-doveri tagħhom u sakemm jibqgħu fil-kariga, lill-imsemmija hawn taħt:

Uffiċjali/Impjegati Pubbliċi

Chircop Faure, Dott. Lynn – Senior Manager, Direttorat għad-Drittijiet Umani

B'Awtorità
Edward Zammit Lewis
Ministru għall-Ġustizzja, u l-Governanza

Il-15 ta' Ottubru, 2021

MJEG 21/2021/13

has made this Order whereby the Adoption Order dated 21st January, 2021, issued by the Ludhana Court, India, is being specified as an intercountry adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113, 130 and 130A of the Civil Code.

(Sgd) Dr Edward Zammit Lewis
Minister for Justice and Governance

15th October, 2021

No. 1359

ORDER OF THE MINISTER FOR JUSTICE AND GOVERNANCE

IN exercise of the powers conferred by Article 113 of the Civil Code (Cap. 16), the Minister for Justice and Governance has made this Order whereby the Adoption Order dated 18th August, 1959, issued by the Cardiff County Court in England is being specified as an adoption of the person therein mentioned for the purposes of Articles 113 and 130 of the Civil Code.

(Sgd) Dr Edward Zammit Lewis
Minister for Justice and Governance

15th October, 2021

No. 1360

WARRANT BY THE MINISTER FOR JUSTICE AND GOVERNANCE

IT is notified that in exercise of such powers as provided by Article (3) of the Commissioners for Oaths Ordinance (Cap. 79) the Minister for Justice and Governance appointed as Commissioners for Oaths, in the performance of their duties and for as long as they remain in such office, the undermentioned:

Public Officers/Employees

Chircop Faure, Dr Lynn – Senior Manager, Human Rights Directorate

By Authority
Edward Zammit Lewis
Minister for Justice and Governance

15th October, 2021

Nru. 1361

ELEZZJONI GĦALL-KUMITAT EŻEKUTTIV TAL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI – REĠJUN TRAMUNTANA

Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Lista Reġjun Tramuntana, li saret fid-9 jum ta' Ottubru tas-sena 2021, hawnhekk ngħarrfu illi r-riżultat tal-Votazzjoni u tat-trasferiment tal-voti huwa kif jidher hawn taħt:

No. 1361

ELECTION FOR THE EXECUTIVE COMMITTEE OF THE ASSOCIATION OF LOCAL COUNCILS – NORTHERN REGION

Declaration of Result of Poll

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Poll for the election of the Executive Committee of the Association of Local Councils, Northern Region List, held on the 9th October of the year 2021, do hereby give notice that the result of the Poll and of the transfer of votes is as follows:

Numru ta' voti validi / *Number of valid votes* } **71**

Numru ta' Membri li għandhom jiġu eletti / *Number of Members to be elected* } **1**

Kwota / *Quota* } **36**

Ismijiet tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd 1 *1st Count* Voti *Votes*
PARTIT LABURISTA	
GALEA VELLA CLIFFORD	41E
PARTIT NAZZJONALISTA	
MIFSUD ANTHONY [ANTON]	30
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	–
Total *Total*	71

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi GALEA VELLA CLIFFORD ġie kif mistħoqq elett Membru tal-Kumitat Eżekuttiv għar-Reġjun hawn fuq imsemmi
WE do hereby declare that is duly elected Member of the Executive Committee for the above mentioned Region.

Id-data tal-lum id-9 jum ta' Ottubru, 2021
Dated this 9th day of October, 2021

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS, V. DALLI, R. DIMECH, D. GALEA, M. MIZZI
M. PORTELLI, S. SANT, V. SCERRI, A. SCIBERRAS, J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 1362

ELEZZJONI GĦALL-KUMITAT EŻEKUTTIV TAL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI – REĠJUN GĦAWDEX

Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Lista Reġjun Għawdex, li saret fid-9 jum ta' Ottubru tas-sena 2021, hawnhekk ngħarrfu illi r-riżultat tal-Votazzjoni u tat-trasferiment tal-voti huwa kif jidher hawn taħt:

No. 1362

ELECTION FOR THE EXECUTIVE COMMITTEE OF THE ASSOCIATION OF LOCAL COUNCILS – GOZO REGION

Declaration of Result of Poll

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Poll for the election of the Executive Committee of the Association of Local Councils, Gozo Region List, held on the 9th October of the year 2021, do hereby give notice that the result of the Poll and of the transfer of votes is as follows:

Numru ta' voti validi *Number of valid votes* } **69**

Numru ta' Membri li għandhom jiġu eletti *Number of Members to be elected* } **1**

Kwota *Quota* } **35**

Ismijiet tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd 1 *1st Count*
	Voti *Votes*
PARTIT NAZZJONALISTA	
TABONE ROBERT (ROBERTO)	20
KANDIDAT INDIPENDENTI	
AZZOPARDI SAMUEL	49E
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	–
Total *Total*	69

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi AZZOPARDI SAMUEL ġie kif mistħoqq elett Membru tal-Kumitat Eżekuttiv għar-Reġjun hawn fuq imsemmi
WE do hereby declare that is duly elected Member of the Executive Committee for the above mentioned Region.

Id-data tal-lum id-9 jum ta' Ottubru, 2021
Dated this 9th day of October, 2021

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS, V. DALLI, R. DIMECH, D. GALEA, M. MIZZI
M. PORTELLI, S. SANT, V. SCERRI, A. SCIBERRAS, J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Il-15 ta' Ottubru, 2021 15th October, 2021

Nru. 1363

ELEZZJONI GĦALL-KUMITAT EŻEKUTTIV TAL-ASSOĊJAZZJONI TAL-KUNSILLI LOKALI – LISTA ĠENERALI

Dikjarazzjoni tar-Riżultat tal-Votazzjoni

AĦNA, li ffirmajna isimna hawn taħt, Kummissjonarji Elettorali għall-elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Lista Ġenerali, li saret fid-9 jum ta' Ottubru tas-sena 2021, hawnhekk ngħarrfu illi r-riżultat tal-Votazzjoni u tat-trasferiment tal-voti huwa kif jidher hawn taħt:

No. 1363

ELECTION FOR THE EXECUTIVE COMMITTEE OF THE ASSOCIATION OF LOCAL COUNCILS – GENERAL LIST

Declaration of Result of Poll

WE, the undersigned, Electoral Commissioners at the Poll for the election of the Executive Committee of the Association of Local Councils, General List, held on the 9th October of the year 2021, do hereby give notice that the result of the Poll and of the transfer of votes is as follows:

Numru ta' voti validi *Number of valid votes* } **443**

Numru ta' Membri li għandhom jiġu eletti *Number of Members to be elected* } **4**

Kwota *Quota* } **89**

Ismijiet tal-Kandidati *Name of Candidates*	Għadd1 *1st Count*	Għadd 2 *2nd Count*		Għadd 3 *3rd Count*		Għadd 4 *4th Count*	
	Voti *Votes*	Trasf. tal-Voti ta' Axisa Steven	Riżultat	Trasf. tal-Voti ta' Bonello Charles	Riżultat	Trasf. tal-Voti ta' Zammit Max	Riżultat
PARTIT LABURISTA							
AXISA STEVEN	116	- 27	89	—	89	—	89E
SULTANA STEPHEN	73	+ 14	87	—	87	+ 1	88E
ZAMMIT MAX	77	+ 13	90	—	90	- 1	89E
PARTIT NAZZJONALISTA							
BONELLO CHARLES	105	—	105	- 16	89	—	89E
GALEA GRAZIELLA	72	—	72	+ 16	88	—	88
Voti Mhux Trasferibbli *Non-Transferable Papers*	—	—	—	—	—	—	—
Totali *Totals*	443		443		443		443

AĦNA hawnhekk ngħarrfu illi AXISA STEVEN, BONELLO CHARLES, ZAMMIT MAX u SULTANA STEPHEN
WE do hereby declare that

ġew kif mistħoqq eletti Membri tal-Kumitat Eżekuttiv għal Lista hawn fuq imsemmija.
are duly elected Members of the Executive Committee for the above mentioned List.

Id-data tal-lum id-9 jum ta' Ottubru, 2021
Dated this 9th day of October, 2021

J. CAMILLERI
Kummissjonarju Elettorali Prinċipali
Chief Electoral Commissioner

M. CALLUS, V. DALLI, R. DIMECH, D. GALEA, M. MIZZI
M. PORTELLI, S. SANT, V. SCERRI, A. SCIBERRAS, J. SCICLUNA

Kummissjonarji Elettorali
Electoral Commissioners

Nru. 1364

ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR L-ESTENSJONI TAL-PROJBIZZJONI FUQ L-IVJAĠĠAR LEJN IL-PAJJIŻI KOLLHA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.26 U L-ARTIKOLU 2 TAL-ORDNI DWAR IL-PERJODU TA' KWARANTINA LEĠIŻLAZZJONI SUSSIDJARJA 465.13

IS-SUPRETENDENT tas-Saħħa Pubblika qiegħda hawn tavża illi s-segwenti ċertifikati ta' tilqim b'vaċċini approvati mill-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini huma aċċettati mill-15 ta' Ottubru, 2021.

Armenja – "Ċertifikat ta' Tilqim COVID-19" maħruġ permezz tas-Sistema ta' Informazzjoni Magħquda tal-Kura tas-Saħħa Elettronika fir-Repubblika tal-Armenja – kors sħiħ u 14-il jum wara l-aħħar doża

Iraq – "Kard tat-Tilqim COVID-19" maħruġa mill-Gvern Reġjonali tal-Kurdistan – Iraq – kors sħiħ u 14-il jum wara l-aħħar doża"

Il-Korea t'Isfel – "Ċertifikat tal-Vaċċin COVID-19" kif maħruġ permezz tal-App COOV – kors sħiħ u 14-il jum wara l-aħħar doża

Il-Moldova – "Ċertifikat tat-Tilqim" kif maħruġ mill-Ministeru tas-Saħħa tal-Moldova – kors sħiħ u 14-il jum wara l-aħħar doża

Il-15 ta' Ottubru, 2021

No. 1364

ARTICLE 2 OF THE TRAVEL BAN (EXTENSION TO ALL COUNTRIES) ORDER SUBSIDIARY LEGISLATION 465.26 AND ARTICLE 2 OF PERIOD OF QUARANTINE ORDER, 2021 SUBSIDIARY LEGISLATION 465.13

THE Superintendent of Public Health hereby notifies that the following vaccination certificates with European Medicines Agency approved vaccines shall be accepted as from the 15th October, 2021.

Armenia – "COVID-19 Vaccination Certificate" issued through the United Information System of Electronic Healthcare in the Republic of Armenia – full course and 14 days after last dose

Iraq – "COVID-19 Vaccination Card" issued by Kurdistan Regional Government – Iraq – full course and 14 days after last dose

South Korea – "COVID-19 Vaccine Certificate" as issued through the COOV App – full course and 14 days after last dose

Moldova – "Vaccination Certificate" as issued by Moldova Ministry of Health – full course and 14 days after last dose

15th October, 2021

Nru. 1365

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

ID-DIRETTUR Ġenerali Standards and Metrology Institute jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver Grams*
15.10.2021	€49.820	€0.669

Il-15 ta' Ottubru, 2021

No. 1365

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

THE Director General Standards and Metrology Institute notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

15th October, 2021

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 66

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħ'Attard

Nhar il-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021, mis-6.00 a.m. sas-1.30 p.m., minn Vjal De Paule (quddiem il-Corinthia).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

TRANSPORT MALTA

Avviż Lokali lill-Baħħara Nru. 162 tal-2021

Għawma ta' Kai għall-karità – mill-Bajja ta' Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, għar-Ramla tal-Bir, Malta

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li se ssir għawma minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex, għar-Ramla tal-Bir, il-Marfa, Malta, nhar il-Ħadd, 17 ta' Ottubru, 2021.

L-għawwiema se jitilqu minn Ħondoq ir-Rummien, Għawdex (punt A) f'bejn wieħed u ieħor is-6.45 a.m. u mistennija jaslu r-Ramla tal-Bir, il-Marfa, Malta (punt G) f'bejn wieħed u ieħor il-11.00 a.m. Dawn se jkunu qed isegwu r-rotta tul il-punti A, B, C, D, E, F u G kif muri fis-sit elettroniku ta' Transport Malta (www.transport.gov.mt).

L-għawwiema se jkunu assistiti mill-bastiment Sempre Blu u l-Malta Red Cross Society se tkun qed tipprovdi servizzi ta' salvataġġ. Jista' jkun hemm bastimenti oħra jassistu.

Jekk minħabba maltemp l-attività ma tkunx tista' ssir fid-data msemmija hawn fuq, din issir fl-istess ħin nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, 2021.

Il-baħħara huma avżati biex joqogħdu attenti, jinnavigaw bil-mod (mingħajr rima) u jżommu 'l bogħod mill-inħawi matul il-ħin stipulat. Huma għandhom jagħtu lill-għawwiema spazju wiesa'.

Il-baħħara kollha għandhom josservaw kwalunkwe struzzjoni mogħtija fuq VHF Channel 12 u/jew 16, minn Valletta VTS u minn kwalunkwe persunal tal-infurzar fuq il-post.

Charts affettwati: BA 211A, 2537

Il-15 ta' Ottubru, 2021

POLICE NOTICE

No. 66

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Ħ'Attard

On Thursday, 21st October, 2021, from 6.00 a.m. till 1.30 p.m., through Vjal De Paul (in front of Corinthia).

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

15th October, 2021

TRANSPORT MALTA

Local Notice to Mariners No. 162 of 2021

Kai's Charity Swim – Ħondoq ir-Rummien Bay, Gozo, to Ir-Ramla tal-Bir, Malta

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a swim will be held from Ħondoq ir-Rummien, Gozo, to Ir-Ramla tal-Bir, Marfa, Malta, on Sunday, 17th October, 2021.

The swimmers will depart from Hondoq ir-Rummien - Gozo (point A) at approximately 6.45 a.m. and are expected to arrive at Ir-Ramla tal-Bir – Marfa, Malta (point G) at approximately 11.00 a.m. They will be following the route along the points A, B, C, D, E, F and G as shown on chart found on Transport Malta website (www.transport.gov.mt).

The swimmers will be assisted by the vessel Sempre Blu and the Malta Red Cross Society will be providing water rescue services. There might be other vessels assisting.

If due to adverse weather conditions the activity cannot be held on the above-mentioned date, it will be held, at the same time, on Friday, 22nd October, 2021.

Mariners are advised to keep a sharp lookout, navigate at slow speed (no wake) and keep well clear of the area during the stipulated time. They are to give the swimmers a wide berth.

All mariners are to comply with any instructions given on VHF Channel 12 and/or 16, by Valletta VTS and by any enforcement personnel on site.

Charts affected: BA 211A, 2537

15th October, 2021

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI

Post ta' Manager II fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Manager II fid-Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, fil-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Waqt il-perjodu ta' prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Manager II huwa ta' Skala ta' Salarju 7, li fis-sena 2021 huwa ta' €25,656 fis-sena, li jiżdied b'€531.17 fis-sena sa massimu ta' €28,843.

2.4 Persuna fil-grad ta' Manager II fi Skala ta' Salarju 7 titla' fi Skala ta' Salarju 6 (€27,327 x €596.33 - €30,905 fis-sena 2021) wara tliet (3) snin servizz bħala Manager II fi Skala ta' Salarju 7, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.5 Il-persuni maħtura jkunu wkoll intitolati għal ħlas annwali marbut mal-prestazzjoni sa massimu ta' 15% tas-salarju bażiku tagħhom, marbut ma' xogħol sodisfaċenti u suġġett għall-politiki tal-amministrazzjoni ċentrali li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien.

2.6 L-aċċettazzjoni ta' ħatra f'dan il-grad tfisser li kwanlunkwe applikazzjoni pendenti fi ħdan is-Servizz Pubbliku awtomatikament titqies bħala rinunzjata, sakemm dawn tal-aħħar ma jkunux applikazzjonijiet għal pożizzjonijiet SAAC jew applikazzjonijiet għal pożizzjoni definita meta l-uffiċjal ikkonċernat ikollu ħatra indefinita.

2.7 Applikazzjonijiet laterali minn uffiċjali pubbliċi li diġà għandhom ħatra fl-istess grad li qiegħda tkun reklamata huma permessi biss jekk il-qasam ta' speċjalizzazzjoni tal-post vakanti huwa differenti minn dak tal-applikant u jeħtieġ kwalifika speċifika relatata bħala rekwiżit ta' eliġibbiltà, li l-applikant irid jissodisfa.

a. Il-persuni maħtura fil-flussi Maniġerjali/ta' Uffiċjal/Prattikanti jridu jkunu servew fil-ħatra attwali tagħhom, u

MINISTRY FOR HOME AFFAIRS, NATIONAL SECURITY AND LAW ENFORCEMENT

Post of Manager II in the Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Permanent Secretary, Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement, invites applications for the post of Manager II within the Corporate Services Directorate, in the Ministry for Home Affairs, National Security and Law Enforcement.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Manager II is Salary Scale 7, which in the year 2021 is €25,656 per annum, rising by annual increments of €531.17 up to a maximum of €28,843.

2.4 A Manager II in Salary Scale 7 will progress to Salary Scale 6 (€27,327 x €596.33 - €30,905 in 2021) on completion of three (3) years service as Manager II in Salary Scale 7, subject to satisfactory performance.

2.5 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary, subject to satisfactory performance and subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.6 Accepting appointment in this grade signifies that any pending applications within the Public Service are automatically considered renounced, unless the latter are applications for SAAC positions or applications for a definite position when the officer concerned holds an indefinite appointment.

2.7 Lateral applications by public officers who already hold an appointment in the same grade being advertised are allowed only if the area of specialisation of the vacancy is different to the one held by the applicant and requires a specific related qualification as an eligibility requirement, which the applicant must satisfy.

a. Appointees within the Managerial/Officer/Practitioners streams must have served in their current post, and are to

għandhom iservu f'din il-kariga għal minimu ta' sentejn (2) qabel ma japplikaw lateralment. Dan mhuwiex applikabbli għal skopijiet ta' promozzjoni, suġġett għall-kriterji ta' eliġibbiltà pertinenti.

b. L-uffiċjali l-oħra kollha għandhom jiġu kkonfermati fil-ħatra, u jekk jinħatru għandhom iservu f'dan il-post għal minimu ta' sentejn (2), qabel ma japplikaw lateralment. Din il-kundizzjoni tal-aħħar mhijiex applikabbli għal finijiet ta' promozzjoni.

2.8 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.9 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Manager II jinkludu li:

i. Jikkontribwixxi b'mod attiv lejn il-ġbir, il-kollazzjoni, l-analiżi u t-tixrid ta' intelliġenza finanzjarja f'termini ta' attività kriminali, ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu;

ii. Iwettaq riċerka forensika u analiżi ta' data finanzjarja biex jiġu rintraċċati fondi u jiġu identifikati assi għall-irkupru;

iii. Jipprepara rapporti dettaljati ta' intelliġenza finanzjarja;

iv. Jinvestiga intelliġenza finanzjarja oħra u jivvaluta jekk tali analiżi twassalx għal suspetti ta' ħasil ta' flus jew ta' finanzjament ta' attivitajiet ta' terroriżmu u jirrapporta dwarhom;

v. Iżomm aġġornat fil-qasam finanzjarju u kummerċjali kemm lokali kif ukoll internazzjonali inkluż żvilupp legali;

vi. Iżomm aġġornat fl-avvanzi tal-ICT speċjalment dwar software tal-qasam finanzjarju;

vii. Jipparteċipa f'kumitati interni, u timijiet ta' ġbir ta' intelliġenza, kif jkun meħtieġ;

viii. Jattendi laqgħat ma' partijiet rilevanti f'Malta jew barra minn Malta;

ix. Jivvjaġġa barra minn Malta biex iwettaq investigazzjonijiet u jikseb taħriġ neċċessarju;

serve in this post for a minimum of two (2) years before applying laterally. This is not applicable for promotion purposes, subject to the pertinent eligibility criteria.

b. All other officers must be confirmed in appointment, and if appointed are to serve in this post for a minimum of two (2) years, before applying laterally. The latter condition is not applicable for promotion purposes.

2.8 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at own request to carry out duties elsewhere in accordance with established vacancies.

2.9 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Duties

3. The job duties for the post of Manager II include:

i. Actively contributing towards the collection, collation, analysis and dissemination of financial intelligence in terms of criminal activity, money laundering and the financing of terrorism;

ii. Perform forensic research and analysis of financial data to trace funds and identify assets for recovery;

iii. Prepare detailed financial intelligence reports;

iv. Investigate other financial intelligence and assess whether such analysis leads to suspicions of money laundering or of financing of terrorism activities and report thereon;

v. Keep abreast in the local and international financial and commercial field including developments in legal aspects;

vi. Keep abreast of advancements in ICT especially with respect to software in the financial field;

vii. Participating in internal committees, and intelligence gathering teams, as may be required;

viii. Attend meetings with relevant stakeholders in Malta or abroad;

ix. Travels abroad to conduct investigations and obtain necessary training;

x. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xi. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eeliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi), jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-

x. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xi. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006 or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the Family Reunification Regulations, 2007; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identity Malta

Espatrijati fi ħdan l-Aġenzija Identità Malta skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u l-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom Masters degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVE jew ekwivalenti*) fl-Ekonomija jew Statistika jew Accountancy jew Kummerċ jew Finanzi jew Servizzi Bankarji jew kwalifika rikonoxxuta professjonali komparabbli fil-Livell 7 tal-MQF fl-Accountancy.

*Fin-nuqqas ta' evidenza dokumentata dwar il-kretti ECTS/ECVET jew sistema ohra at' kejl tal-kontenut tal-kors il-bord tal-għażla għandu jevalwa l-programm ta' studju sottomess u jiddetermina li huwa komparabbli ma' 60 krettu ECTS/ECVET. Jista' jintalab il-parir tal-MQRIC.

iv. Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra kurrenti tagħhom.

4.2 (i) Kwalifiki f'livell ogħla minn dak imsemmi hawn fuq jiġu aċċettati għal finijiet ta' eliġibbiltà, sakemm jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-suġġett speċifikat.

(ii) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(iii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVETS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 4.2, xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Jannar, 2022.

Agency should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognised Masters degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVE credits, or equivalent*) in Economics or Statistics or Accountancy or Commerce or Finance or Banking or a recognised comparable professional qualification at MQF Level 7 in Accountancy.

*In absence of documentary evidence as to the ECTS/ECVET credits or other system of measuring the course content, the selection board is to evaluate the submitted programme of study and determine that it is comparable to 60 ECTS/ECVET credits. The advice of the MQRIC may be sought.

iv. Public Officers applying for this post must be confirmed in their current appointment

4.2 (i) Qualifications at a level higher than that specified above will be accepted for eligibility purposes, provided they meet any specified subject requirements.

(ii) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the above-mentioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(iii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVETS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Furthermore, candidates who have not yet formally obtained the qualification specified in paragraphs 4.1(iii) or else as indicated in paragraph 4.2 will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st January, 2022. If this stipulated deadline for the

Jekk l-iskadenza ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(a) Il-perjodu ta' prova u l-intitolament għall-progressjoni (skont il-każ) jibdew jgħoddu mid-data tal-ħatra

(b) Il-persuni maħtura ma jibbenefikaw minn ebda benefiċċji, sakemm jiksbu l-kwalifika jew ikunu approvati għall-kisba tal-kwalifika indikata, kif imsemmi f'paragrafu 4.1(iii) jew 4.2.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Fil-każ ta' applikanti li diġà qegħdin fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, il-GP 47 għandu jintalab mill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment li joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-ministeru/dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(a) The probation period and progression entitlement (as the case may be) start to count from date of appointment

(b) Such appointees will not benefit from any allowances until attainment of, or are approved for the indicated qualification referred to in clause 4.1(iii) and 4.2.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. In the case of applicants who are already in the Malta Public Service, the GP 47 is to be requested by HR Unit of the ministry /department issuing the call for application from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing ministry/department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result, of this call for application, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tat-Taqsima Riżorsi Umani, Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru, 2021. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

joħroġ is-sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand id-Direttur responsabbli għall-HR fejn l-applikanti jkunu qed iservu, filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 Il-kandidati magħżula jridu jkunu eliġibbli għall-ħatra f'dan il-grad, skont 4.1 sa 4.4 hawn fuq, mhux biss sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, iżda wkoll fid-data tal-ħatra.

4.6 L-applikanti huma obbligati li jinfurmaw immedjatament lill-Bord tal-Għażla (jekk ir-riżultat għadu ma ġiex ippubblikat, f'liema każ l-applikazzjoni għandha tiġi rtirata mill-applikant), jew lill-HR Unit tal-Ministeru/Dipartiment minn fejn inħarġet is-sejħa (jekk ir-riżultat ikun ġie ppubblikat) dwar kwalunkwe bidla fl-istatus tal-ħatra tagħhom mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni sad-data tal-għeluq, jew hekk kif jiġu msejħa għall-ħatra bħala riżultat ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, skont il-każ. In-nuqqas ta' osservanza ta' din l-istruzzjoni jista' jwassal għal azzjoni dixxiplinarja. Min-naħa tiegħu, fil-bidu tal-intervista, il-Bord tal-Għażla għandu jitlob lill-kandidat jiddikjara kull bidla fl-istatus tal-ħatra attwali tiegħu/tagħha mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni.

4.7 L-applikanti prospettivi għandhom jaraw id-dispożizzjonijiet ġenerali marbuta ma' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet fejn jikkonċerna s-sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent tal-kwalifiki mingħand l-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tar-Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 60%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

the call for applications from the Director responsible for HR where applicants are serving, while those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Applicants must be eligible to take up their due appointment, in terms of 4.1 to 4.4 above, not only by the closing time and date of this call for applications but also on the date of appointment.

4.6 Applicants are obliged to immediately inform the Selection Board (if result has not yet been published, in which case the application should be withdrawn by the applicant) or the HR Unit within the issuing Ministry/Department (if result has been published) upon any change in the status of their appointment from the date of submission of their application until the closing date, or upon being called for appointment as a result of this call for applications, as the case may be. Non-observance of this instruction may lead to disciplinary action. On its part, at the start of the interview, the Selection Board will request the candidate to declare any changes in status of his/her current appointment from the date of submission of application.

4.7 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 60%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Governanza, permezz tar-Recruitment Portal **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu Ċertifikat tal-Kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru, 2021. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar tletin (30) minuta biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) ta' xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) ta' xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati permezz tas-sit elettroniku tad-Diviżjoni dwar Nies u Standards (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsMT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Ġustizzja u l-Governanza, Spinola Palace Business Centre, Livell 3, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta VLT 1464. Dawn

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for Justice and Governance through the Online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a Certificate of Conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 29th October, 2021. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last thirty (30) minutes for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latter, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be viewed by accessing the website of the People and Standards Division (https://recruitmentintra.gov.mt/generalprovisions/GeneralProvisionsEN.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, Ministry for Justice and Governance, Spinola Palace Business Centre, Level 3, Triq San Kristofru, Valletta VLT 1464. These

id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (http://www.justice.gov.mt) u (recruitment.justice@gov.mt).

Il-15 ta' Ottubru, 2021

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

Pożizzjoni ta' Edukatur Part-time fi ħdan il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli (Visual and Performing Arts) f'Malta u/jew f'Għawdex fil-Ministeru għall-Edukazzjoni

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Edukazzjoni qed jinnotifika l-għeluq tas-sejħa kontinwa għall-applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Edukatur part-time fi ħdan il-Kulleġġ Mikiel Anton Vassalli (Visual and Performing Arts) f'Malta u/jew f'Għawdex, fil-Ministeru għall-Edukazzjoni bid-data tal-għeluq 5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, 30 ta' Diċembru, 2022, ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern nru. 20,421 tat-12 ta' Ġunju, 2020.

Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa l-15 ta' Ottubru, 2021.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

FORZI ARMATI TA' MALTA

Għeluq tar-Ranges ta' Pembroke – Ottubru 2021

Minħabba li se ssir ir-Rolex Middle Sea Race mhux se jsir sparar attiv nhar l-Erbgħa, 20 ta' Ottubru, 2021, mit-8.00 a.m. sal-11.59 p.m.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

UFFIĊĊJU GĦALL-KOMPETIZZJONI

Notifikazzjoni ta' Konċentrazzjoni

L-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd illi skont regolament 5(4) tar-Regolamenti dwar il-Kontroll ta' Konċentrazzjonijiet, li n-notifikazzjoni tal-konċentrazzjoni bejn Lidl Immobiliare Malta Limited (Ħal Luqa, Malta), Scotts Limited (Birkirkara, Malta) u Said Investments Limited (Birkirkara, Malta) ġiet meqjusa kompluta nhar il-Ħamis, 30 ta' Settembru, 2021.

general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (http://www.justice.gov.mt) and (recruitment.justice@gov.mt).

15th October, 2021

MINISTRY FOR EDUCATION

Position of Part-time Educator for the Mikiel Anton Vassalli College (Visual and Performing Arts) in Malta and/or Gozo within the Ministry for Education

The Permanent Secretary, Ministry for Education is notifying the closure of rolling call for applications for the position of part-time Educator for the Mikiel Anton Vassalli College (Visual and Performing Arts) in Malta and/or Gozo, within the Ministry for Education with the closing date of 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 30th December, 2022, published on Government Gazette nos. 20,421 on 12th June, 2020.

The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Friday, 15th October, 2021.

15th October, 2021

ARMED FORCES OF MALTA

Closure Pembroke Ranges – October 2021

Due to the Rolex Middle Sea Race no live firing will take place on Wednesday, 20th October, 2021, from 8.00 a.m. till 11.59 p.m.

15th October, 2021

OFFICE FOR COMPETITION

Notification of Concentration

In terms of regulation 5(4) of the Control of Concentrations Regulations, the Director General of the Office for Competition notifies for general information that a notification of a proposed concentration between Lidl Immobiliare Malta Limited (Luqa, Malta), Scotts Limited (Birkirkara, Malta) and Said Investments Limited (Birkirkara, Malta), was deemed complete on Thursday, 30th September, 2021.

Il-konċentrazzjoni hija akkwist minn Lidl Immobiliare Malta Limited ta' xi proprjetajiet ta' Said Investments Limited li jinsabu f'Ħaż-Żabbar u liema proprjetajiet huma mikrija lil Scotts Limited. Dawn jikkostitwixxu fil-kumpless misjub fi Triq il-Mina ta' Hompesch f'Ħaż-Żabbar li jinkludi l-bini użat bħala supermarket magħruf bħala Scotts, u l-porzjon diviż ta' art użat bħala parkeġġ tas-supermarket. L-intenzjoni tal-akkwirent hija li jikri l-proprjetajiet imsemmijin hawn fuq lil Lidl Malta Limited, biex minnhom ikun jista' jopera supermarket tal-'Lidl'. Mhijiex l-intenzjoni tal-partijiet fil-konċentrazzjoni, li l-Lidl jakkwista n-negozju li bħalissa qed jitmexxa minn Scotts mill-proprjetajiet msemmija u għaldaqstant Scotts għandu l-intenzjoni li jkompli jopera n-negozju tas-supermarkets li għandu bħalissa taħt l-istess isem.

Lidl Immobiliare Malta Limited u Said investment Limited, huma żewġ kumpaniji fis-suq tal-proprjetà, li jixtru u jakkwistaw proprjetà immobili, filwaqt li kemm Lidl Malta Limited u Scotts Limited jaġixxu bħala importatur u bejjiegħ bl-imnut ta' prodotti relatati ma' ikel, xorb u dawk relatati u oġġetti tad-dar.

Id-Direttur Ġenerali tal-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni jistieden lil terzi interessati sabiex jissottomettu l-osservazzjonijiet tagħhom lil (godwin.mangion@mccaa.org.mt) u cc lil (gilmour.a.camilleri@mccaa.org.mt) sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, 2021, u jirreferu għal din l-konċentrazzjoni li qed tiġi proposta billi jiġi kkwotat ir-referenza tal-każ 'COMP/MCCAA/11/2021' fis-suġġett tal-ittra elettronika.

Aktar informazzjoni tista' tiġi aċċessata mis-sit elettroniku (www.mccaa.org.mt).

L-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni
u għall-Affarijiet tal-Konsumatur
Uffiċċju għall-Kompetizzjoni
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

Il-15 ta' Ottubru, 2021

BUREAU OF AIR ACCIDENT INVESTIGATION

Lista ta' direct orders mogħtija mill-Bureau of Air Accident Investigation matul il-perjodu bejn l-1 ta' Jannar, 2021, u t-30 ta' Ġunju, 2021, ippubblikata skont l-Artikolu 111 (2) tar-Regolamenti dwar il-Kuntratti Pubblici (LN 352/2016) u ċ-Ċirkolari 02/2017 tat-23 ta' Jannar, 2017, maħruġa mid-Dipartiment tal-Kuntratti.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

The proposed concentration is the acquisition by Lidl Immobiliare Malta Limited (Purchaser) of properties at Ħaż-Żabbar belonging to Said Investments Limited (Vendor) and leases belonging to Scotts Limited (Tenant). The Ħaż-Żabbar properties constitute the complex in Triq il-Mina ta' Hompesch in Ħaż-Żabbar which comprises the building used as a supermarket known as Scotts, and the divided portion of land used as a parking area of the Ħaż-Żabbar supermarket. The intention of the acquirer is to lease out the Ħaż-Żabbar properties to Lidl Malta Limited to operate a 'Lidl' supermarket. It is not the intention of the parties for Lidl to acquire the business that is carried out by Scotts from the properties mentioned and, therefore, Scotts intend to continue operating their current supermarket business under the same brand.

Lidl Immobiliare Malta Limited and Said investment Limited are both property companies, that purchase and acquire immovable property in Malta and are the operator and administrator of the business that they have purchased and acquired. Lidl Malta Limited and Scotts Limited are limited liability companies, both acting as an importer and retailer of finished and packaged products relating to food, beverages, allied products and household items.

The Director General of the Office for Competition invites interested third parties to submit their views to (godwin.mangion@mccaa.org.mt) cc (gilmour.a.camilleri@mccaa.org.mt) by not later than Friday, 22nd October, 2021, making reference to this proposed concentration by quoting case reference file 'COMP/MCCAA/11/2021' in the subject.

More information can be accessed from the website (www.mccaa.org.mt).

Malta Competition and Consumer
Affairs Authority
Office for Competition
Mizzi House
Triq Nazzjonali
Blata l-Bajda HMR 9010
Malta

15th October, 2021

BUREAU OF AIR ACCIDENT INVESTIGATION

List of direct orders awarded by the Bureau of Air Accident Investigation during the period between 1st January, 2021, and 30th June, 2021, published in terms of Article 111 (2) of the Public Procurement Regulations (LN 352/2016) and of Circular 02/2017 of 23rd January, 2017, issued by the Department of Contracts.

15th October, 2021

Nru. *No.*	Numru tar-Referenza tad-Direct Order *Direct Order Reference Number*	Isem tad-Direct Order/Suġġett tad-Direct Order *Direct Order Name/Subject of Direct Order*	Data tal-Approvazzjoni *Approval Date*	Isem tal-Kuntrattur *Contractor's Name*	Valur tal-Kuntratt VAT eskluża *Contract Value Excl. VAT*
1	LA_03_2021	Dr Rebekah Tanti Dougall – Rendering of Legal Services	3/6/2021	BAAI	EUR 9,800
2	LA_04_2021	Dr Robert Camilleri – Investigator	3/6/2021	BAAI	EUR 9,800
3	LA_05_2021	Prof Ing. David Zammit Mangion – Investigator	3/6/2021	BAAI	EUR 9,800
4	100/2021/24	Insurance Policy (Air Accidents)	14/6/2021	Willis Towers Watson SA NV	USD 36,400

KUNSILL LOKALI L-KALKARA

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali l-Kalkara jgħarraf li ħadd ma jista' jipparkja mit-Tnejn, 18 ta' Ottubru, 2021, mit-3.00 p.m. 'il quddiem, sal-Erbgħa, 20 ta' Ottubru, 2021, sa nofsinhar, minn Dawret Giovanni Bichi kantuniera ma' Triq Rinella.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Sospensjoni ta' Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf illi nhar il-Erbgħa, 20 ta' Ottubru, 2021, mis-7.00 a.m. sa nofsillejl ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, 2021, ħadd ma jista' jipparkja fi Triq it-Trunċiera (in-naħa ta' Fra Ben u l-Malta National Aquarium).

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

KUNSILL LOKALI SAN LAWRENZ

Sospensjoni ta' Traffiku u Parkeġġ

Il-Kunsill Lokali San Lawrenz jgħarraf li:

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, 2021, se jsir avveniment relatat mal-car free day mis-6.00 p.m. sa nofsillejl. Il-pjazza se tkun magħluqa matul dan il-ħin. Ħadd ma jista' jipparkja fil-pjazza.

Matul dan il-ħin waqt l-avveniment it-toroq li ġejjin se jkunu affettwati:

KALKARA LOCAL COUNCIL

Parking and Traffic Suspension

The Kalkara Local Council notifies that no parking is allowed from Monday, 18th October, 2021, from 3.00 p.m. onwards, till Wednesday, 20th October, 2021, till noon, through Dawret Giovanni Bichi corner with Triq Rinella.

15th October, 2021

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

Suspension of Parking

The San Pawl il-Baħar Local Council notifies that on Wednesday, 20th October, 2021, from 7.00 a.m. till midnight of Friday, 22nd October, 2021, no parking will be allowed in Triq it-Trunċiera (Fra Ben and the Malta National Aquarium area).

Vehicles that violate the order of this notice will be subject to towing.

15th October, 2021

SAN LAWRENZ LOCAL COUNCIL

Traffic and Parking Suspension

The San Lawrenz Local Council notifies that:

On Friday, 22nd October, 2021, an event related to the car free day will be held from 6.00 p.m. till midnight. The main square will closed during this time. No parking will be allowed in the square accordingly.

During the same time during this event the following roads will be effected:

Triq id-Duluri se tkun 2-way u għalhekk ħadd ma jista' jipparkja, u parti minn Triq il-Ġebla tal-Ġeneral se tkun ukoll 2-way.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

KORPORAZZJONI GĦAL SERVIZZI TAL-ILMA

Iċ-Chairman Eżekuttiv, Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma jgħarraf illi:

Jintlaqgħu offerti/kwotazzjonijiet fil-ġurnata u l-ħin indikati hawn taħt. Il-kwotazzjonijiet/offerti għandhom jintbagħtu online BISS fuq (http://www.etenders.gov.mt).

Sad-9.30 a.m. tat-Tnejn, 18 ta' Ottubru, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/125/2021. Offerta ta' servizz għal ittestjar u evalwazzjoni analitika għal kwalità ta' waste water fil-Gżejjer Maltin għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Kwot. Nru. WSC/Q/25/2021. Provvista u konsenja ta' thermal imaging camera għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Erbgħa, 27 ta' Ottubru, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/136/2021. Xogħlijiet – konsolidazzjoni ta' network eżistenti għal provvista tal-ilma aħjar fiż-żona tan-Nofsinhar – faża 8 – Triq is-Salvatur (Il-Qrendi), Triq l-Arluġġar (Ħal Luqa) għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ħamis, it-28 ta' Ottubru, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/134/2021. Provvisti – provvista u konsenja ta' battery charging cabinets ġodda u battery cells ġodda għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/129/2021. Provvisti – provvista, konsenja, installazzjoni u kkummissjonar ta' diesel oil fuel tank għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Avviż Nru. WSC/T/127/2021. Xogħlijiet – konsolidazzjoni ta' network eżistenti għal provvista tal-ilma aħjar fiż-żona ta' San Ġiljan mill-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Sad-9.30 a.m. tal-Ġimgħa, 5 ta' Novembru, 2021, għal:

Avviż Nru. WSC/T/132/2021. Provvista u konsenja ta' firewall network switches għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

*Avviż Nru. WSC/T/119/2021. Provvista u konsenja ta' diversi tagħmir tal-laboratorju għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Triq id-Duluri will be a 2-way street thus no cars can be parked, and part of Triq il-Ġebla tal-Ġeneral will also be a 2-way street.

15th October, 2021

WATER SERVICES CORPORATION

The Executive Chairman, Water Services Corporation notifies that:

Tenders/quotations will be received on the date and time indicated below. Quotations/tenders are to be submitted online ONLY on (http://www.etenders.gov.mt).

Up to 9.30 a.m. on Monday, 18th October, 2021, for:

Advt No. WSC/T/125/2021. Service tender for the analytical testing and evaluation of waste water quality in the Maltese Islands for the Water Services Corporation.

Quot. No. WSC/Q/25/2021. Supply and delivery of thermal imaging camera for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Wednesday, 27th October, 2021, for:

Advt No. WSC/T/136/2021. Works – consolidation of existing network for improved water supply within south area – phase 8 – Triq is-Salvatur (Qrendi), Triq l-Arluġġar (Ħal Luqa) for the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Thursday, 28th October, 2021, for:

Advt No. WSC/T/134/2021. Supplies – supply and delivery of new battery charging cabinets and new battery cells for the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/129/2021. Supplies – supply, delivery, installation and commissioning of a diesel oil fuel tank for the Water Services Corporation.

Advt No. WSC/T/127/2021. Works – consolidation of existing network for improved water supply within St Julian's area by the Water Services Corporation.

Up to 9.30 a.m. on Friday, 5th November, 2021, for:

Advt No. WSC/T/132/2021. Supply and delivery of firewall network switches for the Water Services Corporation.

*Advt No. WSC/T/119/2021. Supply and delivery of various laboratory equipment for the Water Services Corporation.

Sad-9.30 a.m. tat-Tlieta, 9 ta' Novembru, 2021, għal:

*Avviż Nru. WSC/T/137/2021. Provvista, konsenja u installazzjoni għal cold room għall-Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.

Id-dokumenti huma mingħajr ħlas.

*Avviżi li qed jidhru għall-ewwel darba

Id-dokumenti tal-offerti/kwotazzjonijiet jistgħu jinkisbu mill-Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Trid issir reġistrazzjoni sabiex isir użu minn dan is-sit. Operaturi ekonomiċi Maltin jeħtieġ ikollhom l-Organisation eID sabiex ikunu jistgħu jidħlu f'dan is-sit. Iktar informazzjoni tista' tinkiseb mis-sezzjoni tal-FAQ tal-istess sit.

Operaturi ekonomiċi li huma interessati sabiex jipparteċipaw f'dawn is-sejħiet għal offerti huma mħeġġa jieħdu nota tal-workshops organizzati mid-Dipartiment tal-Kuntratti. F'dawn il-workshops, operaturi ekonomiċi jkollhom l-opportunità sabiex isiru jafu aħjar kif għandhom jikkompilaw u jissottomettu l-offerti tagħhom online. Iktar informazzjoni tinsab fid-dokument tal-offerta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u r-reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

AWTORITÀ TAL-ARTIJIET

L-Uffiċjal Kap Eżekuttiv, Awtorità tal-Artijiet, jgħarraf li:

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 21 ta' Ottubru, 2021.

Avviż Nru. 95. Kiri, tale quale ta' Ħanut f'Nru. 3 li jiġi taħt Blokk'O' Triq il-Ġilju, Santa Luċija, kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.11_82_90. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €11,205 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' tlett elef u seba' mija u ħamsa u tletin ewro (€3,735) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Avviż Nru. 96. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli ta' sit ta' ġardina tale quale fi Triq San Pawl, Ħ'Attard kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.JO_36_2006. Din l-għotja emfitewtika tista' tiġi mifdija biss wara l-ħmistax-il (15) sena mill-iffirmar tal-kuntratt relattiv u wara l-ewwel reviżjoni.

Up to 9.30 a.m. on Tuesday, 9th November, 2021, for:

*Advt No. WSC/T/137/2021. Supply, delivery and installation of cold room for the Water Services Corporation.

No participation fee is required.

*Advertisements appearing for the first time

Tender/quotation documents are obtainable from the Electronic Procurement System (http://www.etenders.gov.mt). Registration is required in order to make use of this website. Maltese economic operators need to be in possession of their Organisation eID in order to access this website. More information is available from the FAQ section of the same website.

Economic operators interested in participating in these calls for tender are urged to take note of the workshops being organised by the Department of Contracts. During these workshops, simulations will be carried out so that economic operators familiarise themselves with compiling and submitting their tender online. More information is available in the tender document.

The public may attend during the opening and scheduling of tenders at the time and date specified above.

15th October, 2021

LANDS AUTHORITY

The Chief Executive Officer, Lands Authority, notifies that:

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 21st October, 2021.

Advt No. 95. Lease tale quale, of a Shop at No. 3 under Block 'O' Triq il-Gilju, Santa Lucija, as shown edged in red on the plan P.D.11_82_90. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €11,205 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of three thousand and seven hundred and thirty-five Euros (€3,735) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Advt No. 96. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of a garden site tale quale at Triq San Pawl, Attard as shown edged in red on the plan P.D.JO_36_2006. This emphyteutical grant can only be redeemed after the fifteenth (15) year from the signing of the relative deed and after the first revision.

L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €50,000 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għoxrin elf u disa' mija u sebgħa u ħamsin ewro (€20,957) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €50,000 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of twenty thousand and nine hundred and fifty-seven Euros (€20,957) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 97. Għotja b'ċens temporanju għall-perjodu ta' ħamsa u erbgħin (45) sena tale quale ta' Kamra Nru. 11 fit-tieni sular tal-Fond F'Nru. 80, Triq L-Isptar L-Antik, Il-Belt Valletta kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta L.D.53/94. Dan is-sit huwa mdawwar kompletament bi propjetajiet ta' terzi (land-locked). Din il-propjeta' qegħda fi stat dilapidat. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €2,160 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' seba' mija u għoxrin ewro (€720) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 97. Grant on a temporary emphyteusis for a period of forty-five (45) years tale quale of a room No. 11 at second floor in the Premises at No. 80, Triq L-Isptar L-Antik, Valletta as shown edged in red on the plan L.D.53/94. This property is land locked. This property is in a dilapidated state. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for the amount of €2,160 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of seven hundred and twenty Euros (€720) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender document.

Avviż Nru. 98. Għotja b'ċens perpetwu rivedibbli tale quale tal-Fond f'Nru. 44 Triq San Ġwann Battista, Tas-Sliema kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D.2019_0540. Dan il-fond huwa fi stat dilapidat. Din l-għotja emfitewtika tista' tiġi mifdija biss wara l-ħmistax-il (15) sena mill-iffirmar tal-kuntratt relattiv u wara l-ewwel reviżjoni. L-offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €31,542 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' għaxart elef u ħames mija u erbatax-il ewro (€10,514) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal dritt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 98. Grant on a perpetual revisable emphyteusis tale quale of the Premises No. 44 Triq San Ġwann Battista, Sliema as shown edged in red on the plan P.D.2019_0540. This property is in a dilapidated state. This emphyteutical grant can only be redeemed after the fifteenth (15) year from the signing of the relative deed and after the first revision. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €31,542 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of ten thousand and five hundred and fourteen Euros (€10,514) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Offerti ssiġillati għall-avviżi li ġejjin għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tal-Awtorità tal-Artijiet, Berġa tal-Baviera, Il-Belt Valletta, sal-10.00 a.m. tal-Ħamis, 28 ta' Ottubru, 2021.

Sealed tenders in respect of the following advertisements have to be deposited in the Tender Box at the Lands Authority, Auberge de Baviere, Valletta by 10.00 a.m. on Thursday, 28th October, 2021.

Avviż Nru. 99 Kiri minn sena għal sena għal skop sabiex tintuża bħala ġnien ta' sit tale quale Nru. 20 li jinsab adjaċenti ma' Blokk Nru. 13, Triq il-Monsinjur P.P. Psaila, Ħal Qormi kif muri bl-aħmar u mmarkat Nru. 20 fuq il-pjanta L.D.54/74. L-Offerti għandhm ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €5,307 kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' elf u seba' mija u disgħa u sittin ewro (€1,769) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Advt No. 99. Lease on a year to year basis for gardening purposes of a site tale quale No. 20 which is situated adjacently to Block No. 13, Triq il-Monsinjur P.P. Psaila, Ħal Qormi as shown edged in red and marked No. 20 on the plan L.D. 54/74. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €5,307 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of one thousand and seven hundred and sixty-nine Euros (€1,769) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

Avviż Nru. 100 Għotja b'ċens perpetwu revedibbli tal-Fond tale quale f'Nri. 103 u 104 Triq San Trofimu, Tas-

Advt No. 100. Grant on a perpetual revisable emphyteusis of the Premises tale quale at Nos. 103 and 104 Triq San Trofimu,

Sliema kif muri bl-aħmar fuq il-pjanta P.D, 2019_0716. Din l-għotja emfitewtika tista' tiġi mifdija biss wara l-ħmistax-il (15) sena mill-iffirmar tal-kuntratt relattiv u wara l-ewwel reviżjoni. L-Offerti għandhom ikunu akkumpanjati b'Bid-Bond għall-ammont ta' €43,908 hekk kif stipulat fil-kundizzjonijiet tal-offerta. Offerti anqas mill-ammont ta' erbatax-il elf u sitt mija u sitta u tletin ewro (€14,636) fis-sena ma jiġux ikkunsidrati. Din l-offerta tista' tkun soġġetta għal drtitt magħruf bħala dritt tal-ewwel rifjut skont artikolu Nru. 32 tal-Kapitolu Nru. 573 tal-Liġijiet ta' Malta. Irid isir il-ħlas ta' €50 għad-dokumenti tal-offerta.

Dawn l-avviżi qegħdin jiġu ppubblikati bħala stedina għall-pubbliku sabiex jakkwista d-dokumenti tal-offerta online. L-offerenti għandhom jirreferu għall-kundizzjonijiet kollha tad-dokument tal-offerta u huma mitluba li jaqraw sew dawn id-dokumenti. L-offerti għandhom isiru biss fuq il-formola preskritta, li flimkien mal-kundizzjonijiet rilevanti u dokumenti oħra jistgħu jinkisbu billi tagħżel 'Buy Tender' fuq il-paġna ta' dawn l-offerti fis-sit (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). Il-ħlas ta' ħamsin ewro (€50) għandu jsir permezz tas-sistema online tas-sit tal-Awtorità tal-Artijiet.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

FONDAZZJONI GĦAL SERVIZZI EDUKATTIVI

Sejħa għal Kwotazzjonijiet – Għoti ta' Servizzi ta' Konsulenza mingħand Perit bil-Warrant

Ref: RFQ/FES/010/2021

Il-Fondazzjoni għal Servizzi Edukattivi (FES), fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, qiegħda tfittex kwotazzjonijiet mingħand periti bil-warrant sabiex jingħata servizz ta' konsulenza.

Il-lista tal-konsulenza mistennija tinkludi, iżda mhux biss, dan li ġej:

1. Preparazzjoni ta' specifications sabiex jinħarġu kwotazzjonijiet/tenders relatati ma' xogħlijiet. Irid isir ukoll l-immaniġġjar u s-superviżjoni ta' dawn il-kuntratti, fejn ikun applikabbli;

2. Tingħata assistenza waqt l-evalwar ta' kwotazzjonijiet/tenders u parteċipazzjoni waqt l-aġġudikazzjoni;

3. Tingħata assikurazzjoni li l-kuntrattur qed iwettaq ix-xogħlijiet skont kif miftiehem fil-kuntratt;

4. Jiġi evalwat u ċċertifikat ix-xogħol li jkun sar, anke fejn jidħlu ammonti, sabiex ix-xogħol isir skont kif miftiehem fil-kuntratt;

5. Issir ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet kemm parzjali kif ukoll kompluta;

Sliema as shown edged in red on the plan P.D.2019_0716. This emphyteutical grant can only be redeemed after the fifteenth (15) year after the signing of the relative deed and after the first revision. Tenders are to be accompanied by a Bid-Bond for an amount of €43,908 as stipulated in the tender conditions. Offers below the amount of fourteen thousand and six hundred and thirty-six Euros (€14,636) per annum will not be considered. This tender may be subject to the right known as the right of first refusal as per article No. 32 of Chapter No. 573 of the Laws of Malta. A fee of €50 will be charged for the tender documents.

These adverts are being published as an invitation to the public to acquire tender documents online. The bidders are to refer to all the conditions of the tender document and are invited to carefully read these conditions. Tenders should be submitted only on the prescribed form, which together with the relevant conditions and other documents, may be obtained by clicking on 'Buy Tender' on the webpage where these tenders are available on (https://landsauthority.org.mt/services/tendering/). A fee of fifty euro (€50) must be paid through the online system of the Lands Authority website.

15th October, 2021

FOUNDATION FOR EDUCATIONAL SERVICES

Call for Quotations - Provision of Architectural Consultancy Services by a Warranted Perit

Ref: RFQ/FES/010/2021

The Foundation for Educational Services, within the Ministry for Education, is looking for warranted periti to provide architectural consultancy.

The deliverables that might be required include, but are not limited to, the following:

1. To prepare specifications for request for quotations/tenders related to the execution of works. Managing and supervision of these contracts needs to take place where applicable;

2. To provide assistance in the evaluation of quotations/tenders received and participate in their adjudication;

3. To ensure that the Contractor carrying out the works complies with the contract provisions;

4. To evaluate and certify the work undertaken and the correctness of the amount due and that the work complies with the relevant contract provisions;

5. To certify the partial or full completion of works;

6. Preparazzjoni ta' disinji, pjanti, applikazzjonijiet, rapporti u xogħol ieħor li jista' jkun meħtieġ;

7. Isiru spezzjonijiet fi kwalunkwe proprjetà tal-FES u jingħata parir skont kif meħtieġ;

8. Preżenza waqt laqgħat sabiex jingħata parir professjonali, kif meħtieġ.

Il-proposta, li għandha tinkiteb bl-Ingliż, għandha tintbagħat sa mhux aktar tard mill-Ġimgħa, 29 ta' Ottubru, 2021.

Il-kuntratt jingħata għal perjodu ta' sentejn jew sakemm jintlaħaq il-valur ta' €5,000.00 VAT eskluża, jiddependi liema jseħħ l-ewwel. B'hekk in-numru ta' sigħat li jkopri l-kuntratt jiddependi mir-rata offruta minn min jingħata l-kuntratt.

Sottomissjonijiet li jintbagħtu tard mhux se jkunu aċċettati.

Informazzjoni aktar dettaljata fuq din is-Sejħa għall-kwotazzjonijiet tista' tinkiseb mis-sit tal-Fondazzjoni jew tintalab permezz ta' ittra elettronika lil (procurement.fes@gov.mt).

Il-15 ta' Ottubru, 2021

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà

Ref: (SMARSF S 21 22 1)

Id-Direttorat għall-Kurrikulu, Tagħlim tul il-Ħajja u Impjegabbiltà jgħarraf illi offerti magħluqa mmarkati SMARSF S 21 22 1 quotation for the supply and delivery of Stationery Items at Sir M A Refalo Sixth Form Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, 22 ta' Ottubru, 2021, għal:

Kwot. Nru. SMARSF S 21 221. Provvista u konsenja ta' oġġetti tal-istationery.

Dokumenti rilevanti jistgħu jinġabru minn Sir M. A. Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Ir-Rabat, Għawdex, matul il-ħinijiet tal-uffiċċju – mit-Tnejn sal-Ġimgħa mit-8.30 a.m. san-12.30 p.m., jew permezz ta' ittra elettronika lil (sixthform@ilearn.edu.mt), attenzjoni s-Sa Colombia Cefai.

Min hu interessat jista' jattendi u jara l-ftuħ u l-iskedar tal-offerti fid-data u l-ħin stipulati.

Il-15 ta' Ottubru, 2021

6. To prepare designs, plans, drawings, applications, reports and any other work that may be required;

7. To carry out inspections in any of the FES premises and give advice as required;

8. To attend any meetings to provide professional input, as required.

The proposal, drawn up in English, must be submitted by not later than Friday, 29th October, 2021.

The contract of service will be awarded for a duration of 2 years or until the total value of €5,000.00, excluding VAT is reached, depending which comes first. Therefore, the number of hours the contract will cover will depend on the hourly rate offered by the successful bidder.

Late submissions will not be considered.

More detailed information on this Request for Quotation can be obtained from the website or requested via email to (procurement.fes@gov.mt).

15th October, 2021

MINISTRY FOR EDUCATION

Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability

Ref:(SMARSF S 21 22 1)

The Directorate Curriculum, Lifelong Learning and Employability, notifies that sealed offers, marked SMARSF S 21 22 1 quotation for the supply and delivery of Stationery Items at Sir M A Refalo Sixth Form Triq Fortunato Mizzi, Victoria, Gozo by not later than noon of Friday, 22nd October, 2021, for:

Quot. No. SMARSF S 21 221. Supply and delivery of Stationery Items

Relevant documents may be collected from Sir M A Refalo Sixth Form, Triq Fortunato Mizzi, Victoria Gozo during office hours – from Monday to Friday from 8.30 a.m. till 12.30 p.m. or by sending an email to (smarefalo.sixthform@ilearn.edu.mt) attention Ms.Colombia Cefai.

Interested parties may attend and witness the opening and scheduling of the offers received on the appointed date and time.

15th October, 2021

DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI

